**DIRETTORAT GHAL**
**KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI**
**FLORIANA VLT 2000**
**MALTA**

**DIRECTORATE FOR**
**QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION**
**FLORIANA VLT 2000**
**MALTA**

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** **2598 2449 / 2598 2478 / 2598 2480** **Indirizz Elettroniku:** **francis.fabri@gov.mt**

## ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X **Data:** 14 ta' Jannar 2014

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 10/2014

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Agius-Muscat, George Mifsud, David Muscat – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** It-Tqassim tad-Diska Kompatta *Taqbila – Għanjiet tat-Tfal*

---

Biex isaħħaħ u jtejjeb it-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel statali, il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol se jkun qed iqassam għadd ta' riżorsi siewja u meħtieġa lill-għalliema biex jgħinhom ifasslu u jwettqu aktar lezzjonijiet u attivitajiet xierqa u attraenti għall-istudenti tagħhom.

Għal dan il-għan f'Diċembru li għadda l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol bi sħab mal-Bank APS nieda l-inizjattiva li jqassam lil kull għalliem/a tal-iskejjel primarji tal-istat id-diska kompatta *Taqbila – Għanjiet tat-tfal*. It-tqassim se jsir mill-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti msemmija hawn fuq tul din is-sena skolastika (2013-2014) u s-sena li ġejja (2014-2015).

Id-diska kompatta *Taqbila* hi magħmula minn 17-il għanja Maltija ta' poeti magħrufa Maltin, fosthom Dun Karm Psaila, Anton Buttigieg, Karmenu Vassallo, Ġorġ Pisani u Anastasju Cuschieri. Il-mużika nkitbet minn Mro Domnic Galea u l-għanjiet tkantaw mit-tfal tal-Kor Mirabitur immexxi minn Simone Attard. Il-produzzjoni tad-diska kienet f'idejn Mro Domnic Galea u Steve Borg.

Minbarra d-diska kompatta *Taqbila*, l-għalliema jistgħu jaċċessaw għadd ta' taħriġ u logħob elettroniku marbut mal-istess għanjiet mis-sit elettroniku www.qawsalla.com.

Grazzi tal-attenzjoni.

**Dr Frank Fabri**
**Aġent Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**